



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11657/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0420(COD)

TRANS 515
CODEC 1187
IA 122

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Lulju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru. dok. preċ.	ST 15109/21
Nru dok. Cion:	COM(2022) 384 final
Suġġett:	Proposta emendata għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp ta' network tat-trasport trans-Ewropew li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1153 u r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) 1315/2013

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 384 final.

Mehmuż: COM(2022) 384 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.7.2022
COM(2022) 384 final

2021/0420 (COD)

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp ta' network tat-trasport trans-Ewropew li
jemenda r-Regolament (UE) 2021/1153 u r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u li jħassar
ir-Regolament (UE) 1315/2013**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T)¹ jistabbilixxi network multimodali madwar l-Ewropa kollha ta' ferroviji, passaġġi fuq l-ilma interni u rotot tat-tbajhir fuq distanzi qosra li huma konnessi ma' nodi urbani, portijiet marittimi u interni, ajruporti u terminali madwar l-Unjoni Ewropea. In-network jipprovdi pedament sod lejn il-bini tal-arterji li huma meħtieġa għall-flussi bla xkiel tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija fl-Ewropa u madwar l-Ewropa.

Sabiex tgħin tindirizza l-isfidi dejjem akbar tal-ġenerazzjoni tagħna bħat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa ta' reżiljenza akbar tal-infrastruttura tat-trasport tagħna wara l-effetti gravi tal-pandemija tal-COVID-19, fl-14 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni adottat proposta leġiżlattiva li tirrevedi r-Regolament TEN-T tal-2013². F'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew³ u l-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelligenti⁴, din għandha l-għan li żżid l-attività li tuża forom ta' trasport aktar sostenibbli, u ttiprovdi enfasi akbar fuq il-multimodalità u l-interoperabbiltà bejn il-modi u n-nodi tat-trasport kif ukoll integrazzjoni aħjar tan-nodi urbani fit-TEN-T.

Madankollu, mill-adozzjoni tal-linji gwida riveduti, ir-reżiljenza tan-network Ewropew tat-trasport reġgħet ġiet ittestjata bl-impatt devastanti tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Din iddefiniet mill-ġdid ix-xenarju ġeopolitiku, u wriet il-vulnerabbiltà tagħna għal avvenimenti ta' tfixkil mhux previsti lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni. L-impatti ewlenin tagħha fuq is-swieq globali, bħas-sigurtà alimentari globali, enfasizzaw il-fatt li s-suq intern tal-Unjoni u n-network tat-trasport tagħha ma jistgħux jitmiegu waħedhom fir-rigward tat-tfassil tal-politika tal-Unjoni. Konnessjonijiet aħjar mal-pajjiżi sħab ġirien tal-UE huma meħtieġa aktar minn qatt qabel.

Minħabba dan il-kuntest ġeopolitiku ġdid, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2022 dwar "Korsiji ta' Solidarjetà"⁵ identifikat diversi sfidi ewlenin tal-infrastruttura tat-trasport li l-UE u l-pajjiżi ġirien tagħha jridu jsolvu sabiex jappoġġaw l-ekonomija u l-irkupru tal-Ukrajna, sabiex il-merkanzija agrikola u merkanzija oħra tkun tista' tilħaq is-swieq tal-UE u daww dinjin, u jiġi żgurat li l-konnettività mal-Ewropa tissaħħaħ ħafna kemm għall-esportazzjonijiet kif ukoll għall-importazzjonijiet. Sabiex toffri konnettività akbar mal-UE, bħala waħda mill-miżuri, il-Komunikazzjoni ta' hawn fuq ipproponiet li tiġi vvalutata l-estensjoni tal-Kurrituri Ewropej tat-Trasport.

Il-bażi sabiex jiġu estenzi dawn il-kurrituri diġà tħejjiet mill-Kummissjoni li fl-14 ta' Lulju 2022 adottat mapep indikattivi riveduti għan-network trans-Ewropew tat-trasport fl-Ukrajna, bħala parti mill-politika tal-Kummissjoni dwar l-estensjoni tat-TEN-T għall-pajjiżi ġirien⁶. L-għan ta' dawn il-mapep estenzi tat-TEN-T huwa li l-istandards tat-TEN-T jiġu applikati wkoll fuq in-networks ta' pajjiżi terzi sabiex jippermettu konnessjonijiet mingħajr xkiel. Bħala tali, dawn jipprovdu wkoll bażi soda għall-investimenti barranin f'dawn il-pajjiżi f'konformità mal-objettivi Ewropej.

¹ ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1

² COM(2021) 812 final

³ COM(2019) 640 final

⁴ COM(2020) 789 final

⁵ COM(2022) 217 final

⁶ C(2022) 5056 final

Kwistjoni oħra hija l-gauges tal-binarji ferrovjarji differenti li jintużaw fl-Ukrajna u fil-biċċa l-kbira tal-UE li xxekkel b'mod sinifikanti l-interoperabbiltà ferrovjarja. Il-prodotti esportati mill-Ukrajna bil-ferrovija jridu jiġu trażbordati qrib il-fruntieri tal-UE peress li l-ferroviji li jiċċirkolaw fin-network tal-Ukrajna ma jistgħux jiċċirkolaw fuq il-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm. Din il-kwistjoni tal-interoperabbiltà ferrovjarja minħabba gauges tal-binarji differenti enfasizzat ukoll il-vulnerabbiltà tan-network ferrovjarju fit-territorju tal-UE, peress li diversi Stati Membri għandhom network ferrovjarju b'gauges tal-binarji nominali differenti mill-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew. Din il-kwistjoni ma ġietx indirizzata fil-proposta leġislattiva li tirrevedi r-Regolament TEN-T tal-14 ta' Diċembru 2021, iżda ħarġet b'mod ċar bħala problema li jeħtieġ li tiġi indirizzata wara l-iżvilupp reċenti fl-Ukrajna.

Barra minn hekk, il-Patt Ekoloġiku Ewropew jitlob li parti sostanzjali mill-75 % ta' merkanzija interna li tinġarr bit-triq illum tingħadda għat-trasport bil-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni. Madankollu, iż-żmien u l-kostijiet meħtieġa għat-trażbord jaffettwaw b'mod negattiv il-kompetittività tal-ferroviji, li jisfida dan l-oġettiv. Żieda kbira fil-volumi ttrasportati bil-ferrovija toħloq konġestjonijiet serji fil-fruntieri kif nistgħu naraw illum fil-fruntiera tal-Ukrajna, u għalhekk tipperikola wkoll l-issodisfar ta' dan l-oġettiv.

In-network tat-TEN-T jestendi għal numru ta' pajjiżi terzi ġirien, b'mod partikolari r-Russja u l-Belarussja. Dan in-network jikkostitwixxi l-bażi għall-kooperazzjoni bejn l-UE u pajjiżi terzi fil-qasam tal-infrastruttura, inkluż sabiex jissaħħu l-konnessjonijiet transfruntiera mal-UE. Fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna, u l-pożizzjoni adottata mill-Belarussja f'dan il-kunflitt, tali kooperazzjoni mar-Russja u mal-Belarussja titqies li ma għadhiex xierqa, u lanqas fl-interess tal-UE.

B'riżultat ta' dan, din il-proposta emendata għandha l-għan li tintroduċi l-bidliet li ġejjin fil-proposta leġislattiva tal-14 ta' Diċembru 2021:

- Bħala rispons immedjat għall-azzjoni mitluba kkomunikata fil-Komunikazzjoni “Korsiji ta' Solidarjetà”, qiegħda tiġi proposta estensjoni ta' erba' Kurituri Ewropej tat-Trasport għall-Ukrajna u għar-Repubblika tal-Moldova, abbażi tal-mapep indikattivi tan-network ewlieni f'dawn iż-żewġ pajjiżi. Dan jikkonċerna b'mod partikolari estensjoni tal-Kuritur bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Baħar Baltiku minn Lviv u Kyiv għal Mariupol, l-estensjoni tal-Kuritur bejn il-Baħar Baltiku, il-Baħar l-Iswed u l-Baħar Eġew għal Odesa minn Lviv u minn Chişinău kif ukoll estensjoni tal-Kurituri bejn il-Baħar Baltiku u l-Baħar Adrijatiku u bejn ir-Renu u Danubju għal Lviv. Tali estensjonijiet tal-kurituri jimplikaw emenda tal-Anness III tal-proposta ta' Diċembru li għadda.
- Fid-dawl tal-kuntest ġeopolitiku attwali, l-orjentazzjoni lejn u l-espansjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport fir-Russja u fil-Belarussja ma għadhiex valida jew mixtieqa. Għalhekk qiegħed jiġi propost li jitneħħew il-mapep indikattivi tan-network trans-Ewropew tat-trasport fir-Russja u fil-Belarussja mill-Anness IV. Madankollu, f'każ ta' tranżizzjoni demokratika fil-Belarussja li tibni u taġġorna l-konnessjonijiet transfruntiera tal-pajjiż mal-UE f'konformità mal-pjan ekonomiku komprensiv għal Belarussja demokratika, dan jingħata prijorità għolja, inkluż permezz tal-inklużjoni mill-ġdid tal-pajjiż lura fir-Regolament.
- Konsegwentement, konnessjonijiet transfruntiera mtejbja għar-Russja u għall-Belarussja ma għadhomx ta' prijorità għolja fit-territorju tal-Istati Membri tal-UE. Bħalissa jeżistu konnessjonijiet mill-Finlandja, mill-Estonja, mil-Latvja, mil-Litwanja u mill-Polonja għal dawn iż-żewġ pajjiżi terzi. Sabiex tiġi riflessa l-prijorità aktar baxxa fil-bini u fl-aġġornament ta' dawk il-konnessjonijiet “tal-aħħar mil”,

qiegħed jiġi propost li l-aħħar mili tal-konnessjonijiet transfruntiera kollha li bħalissa jinsabu fuq in-network ewlieni jiġu mnaqqsqa għan-network komprensiv li għalih hija prevista biss skadenza tal-implimentazzjoni aktar tard tal-2050. Konsegwentement, dan se jwassal għal adattament żgħir tal-allinjament tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport. Dawn il-bidliet jimplikaw emenda tal-Annessi I u III.

- Wara l-adozzjoni ta' mapep indikattivi modifikati tan-network tat-TEN-T fl-Ukrajna (COM(2022)5056 final), qiegħed jiġi propost li l-mapep relatati fl-Anness IV jiġu ssostitwiti.
- Fl-aħħar nett, diversi Stati Membri għandhom network ferrovjarju b'gauge nominali tal-linji ferrovjarji differenti mill-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm. Il-pajjiżi kkonċernati huma l-Irlanda (gauge ta' 1 600 mm), il-Finlandja (gauge ta' 1 524 mm), l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja (gauge ta' 1 520 mm) u l-Portugall u Spanja (gauge ta' 1 668 mm). Dawn id-differenzi fil-gauges tal-binarji ferrovjarji jillimitaw b'mod konsiderevoli l-interoperabbiltà ferrovjarja madwar l-Unjoni Ewropea kif intwera mill-kriżi attwali fl-Ukrajna u l-problemi tagħha fl-esportazzjoni ta' ħbub bil-ferrovija minħabba l-gauge tal-binarji differenti tagħha. Għalhekk, qiegħed jiġi propost, għall-Istati Membri kollha b'konnessjoni ferrovjarja fuq l-art ma' Stati Membri oħrajn, li jiġi inkluż rekwiżit li l-linji ferrovjarji ġodda kollha tat-TEN-T jiġu żviluppati b'gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm u li jiġi żviluppat ukoll pjan ta' migrazzjoni lejn dan il-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew għall-linji eżistenti kollha tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport. Dan għandu jiġi rifless fir-rekwiżiti tal-infrastruttura tat-TEN-T, b'mod partikolari fit-Taqsima 1 (infrastruttura ferrovjarja) tal-Kapitolu III.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Bħala l-pilastru ewlieni tal-politika dwar l-infrastruttura tat-trasport tal-UE, ir-Regolament TEN-T jaġixxi bħala faċilitatur filwaqt li jiddependi wkoll fuq politiki komplementari. L-istandards u r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament TEN-T huma marbutin direttament mal-oġettivi u mal-ħtiġijiet rilevanti f'setturi/oqsma oħrajn tat-trasport u, b'hekk, ma' leġislazzjonijiet oħrajn aktar speċifiċi għas-settur. Dan ifisser, pereżempju, li l-infrastruttura ferrovjarja TEN-T – sabiex jiġu żgurati t-trasport u l-mobilità transfruntiera bla xkiel – għandha tikkonforma mal-leġislazzjoni dwar l-interoperabbiltà stabbilita fil-politika ferrovjarja. Bħala tali, il-bidliet imressqa f'din il-proposta fir-rigward tal-migrazzjoni għal gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew huma kompletament konsistenti mal-leġislazzjoni ferrovjarja eżistenti.

Fir-rigward tal-bidliet fil-mapep, dawn huma konformi u kompletament konsistenti mal-miżuri riportati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2022 dwar "Korsiji ta' Solidarjetà" (COM(2022) 217 final).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti wkoll ma' politiki oħrajn tal-Unjoni, bħal leġislazzjoni settorjali dwar il-ferroviji, b'mod partikolari ż-żewġ Regolamenti li ġejjin:

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1299/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà relatati mas-subsistema tal-"infrastruttura" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea li tapplika fuq tipi differenti ta' gauges tal-binarji;

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-"kontroll-kmand u sinjalazzjoni"

tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea li tapplika għal networks b'gauges tal-binarji ta' 1 435 mm, 1 520 mm, 1 524 mm, 1 600 mm u 1 668 mm. Madankollu, din ma hijiex se tapplika għal linji qosra ta' qsim tal-fruntiera b'gauges tal-binarji ta' 1 520 mm li jkunu konnessi man-network ta' pajjiżi terzi.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika għall-emendi proposti tal-proposta leġislattiva għal Regolament TEN-T rivedut (COM(2021) 812 final) hija t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (l-Artikoli 170 sa 172) li jistipula l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastrutturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Skont it-TFUE, l-għan tan-networks trans-Ewropej huwa li jippermettu liċ-ċittadini tal-Unjoni, lill-operaturi ekonomiċi u lill-komunitajiet reġjonali jiksibu benefiċċju sħiħ minn żona mingħajr fruntieri interni. In-networks se jqisu wkoll il-ħtieġa li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni u li jiġi promoss l-iżvilupp armonjuż ġenerali tagħha. B'hekk, min-natura tagħha, il-politika tat-TEN-T hija politika li testendi lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri, minħabba li tiffoka fuq skema ta' network Ewropew uniku bejn il-fruntieri. Network madwar l-Ewropa kollha bħal dan naturalment ma jistax jiġi stabbilit minn Stat Membru wieħed biss.

Bl-istess mod, konnessjoni aħjar tan-network tat-trasport tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi ġirien bħall-Ukrajna u r-Repubblika tal-Moldova hija aktar effettiva jekk tiġi implimentata fil-livell tal-Unjoni u mhux individwalment fil-livell nazzjonali. Tabilħaqq, anke l-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 dwar linji gwida għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport (SWD(2021) 117 final)⁷ ikkonkludiet li l-kooperazzjoni tat-TEN-T ma' pajjiżi terzi, bħala wieħed mill-oqsma li ġew introdotti ġodda fl-2013, iġġenerat valur miżjud sinifikanti li ma kienx ikun jista' jinkiseb permezz tal-Istati Membri li jaġixxu waħedhom.

L-istess jgħodd għar-rispons tal-Unjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tinkludi l-ġhoti ta' anqas prijetà lill-konnessjonijiet tat-trasport mar-Russja u mal-Belarusja. Dan jeħtieġ ukoll approċċ koordinat madwar l-Unjoni.

• Proporzjonalità

Din il-proposta emendata ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġettivi tagħha. Din tipprevedi l-adattament tal-mapep annessi li jistabbilixxu n-network trans-Ewropew tat-trasport fi ħdan l-UE, kif ukoll l-adattament ta' mapep indikattivi f'pajjiżi terzi ġirien.

Barra minn hekk, qiegħed jiġi propost li l-Istati Membri jiġu obbligati jemigraw għall-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm kull meta tinbena linja ferrovjarja ġdida. Dan l-obbligu diġà kien jeżisti, iżda dawk li huma magħrufa bħala networks iżolati, jiġifieri networks b'gauge tal-binarji differenti mill-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm, kienu eżentati minn dan ir-rekwiżit. Fir-rigward tar-rekwiżit għat-taqsimiet li għad iridu jinbnew, dan ma jwassal għall-ebda kost addizzjonali, minbarra analiżi u soluzzjoni ta' kif tali linji ferrovjarji ġodda bil-gauge nominali tal-linji ferrovjarji

⁷ Evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 dwar il-Linji Gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp ta' network trans-Ewropew tat-trasport, SWD (2021) 117 final tas-26 ta' Mejju 2021

standard Ewropew ta' 1 435 mm jistgħu jiġu konnessi b'mod effettiv mal-bqija tan-network nazzjonali li jista' jkun ta' gauge tal-binarij differenti.

Il-proposta tinkludi wkoll obbligu għall-Istati Membri li jemigraw il-linji ferrovjarji eżistenti fil-Kurituri Ewropej tat-Trasport. Madankollu, l-Istati Membri għandhom marġni ta' apprezzament, l-ewwel sabiex jiddeċiedu dwar iż-żmien ta' tali migrazzjoni u, it-tieni, sabiex jiddeċiedu jekk ikun meħtieġ li l-migrazzjoni ma tkunx iġġustifikata abbażi ta' analiżi soċjoekonomika tal-ispejjeż u l-benefiċċji għal ċerti linji.

Fl-aħħar nett, din il-proposta tinkludi wkoll it-tnaqqis tal-aħħar mili ta' taqsimiet transfruntiera mar-Russja u mal-Belarussja. Dan it-tnaqqis fil-grad jikkonċerna biss sezzjonijiet limitati ħafna f'termini ta' ambitu ġeografiku (l-"aħħar mili"). It-tnaqqis fil-grad ma jfissirx li dawn it-taqsimiet tat-toroq jew ferrovjarji jitneħħew min-network tat-TEN-T, iżda li l-aħħar mil tagħhom sal-fruntiera sempliċiment se jkollu prijorità iżgħar fl-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni tiegħu, jiġifieri l-Istati Membri ma humiex se jiġu obbligati jlestuhom sal-2030, iżda biss sal-2050. Dan huwa kompletament konformi mal-pjanijiet u mal-programmi nazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati peress li ma għandhomx il-ħsieb li jinvestu finanzjament f'dawn il-konnessjonijiet tal-aħħar mil fuq terminu qasir u medju.

- **Għażla tal-istrument**

Billi din hija proposta għall-emendar ta' proposta leġislattiva li rrevediet regolament eżistenti, jidher leġittimu li l-istatus tal-istrument jinżamm kif inhu.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

L-evalwazzjoni tar-Regolament TEN-T (SWD(2021) 117 final) analizzat il-kooperazzjoni tat-TEN-T ma' pajjiżi ġirien u ma' pajjiżi terzi permezz tal-istabbiliment ta' network indikattiv tat-trasport trans-Ewropew. Din ikkonkludiet li tali mapep indikattivi għenu sabiex jiġi pprovdut punt ta' referenza għall-kooperazzjoni dwar l-ippjanar tal-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport f'dawk il-pajjiżi, bil-għan li tiġi ggarantita l-kontinwità u titrawwem il-konnettività tat-trasport tal-UE. Dawn il-mapep kienu ta' interess reċiproku qawwi fir-rigward tat-tisħiħ tal-konnessjonijiet strateġiċi tat-trasport multimodali bejn l-UE u r-reġjuni ġirien ikkonċernati kif ukoll għall-promozzjoni tal-iżvilupp u l-iskambju ekonomiku.

Il-mapep indikattivi huma bbażati fuq l-istess metodoloġija bħal dik tat-TEN-T fl-UE u jkopru kemm is-saffi tan-network ewlenin kif ukoll daww komprehensivi. Għalkemm dawn l-estensjonijiet indikattivi tan-network ma jimplikawx awtomatikament l-applikabbiltà obbligatorja tal-istandards u tar-rekwiżiti kollha tat-TEN-T li ġew stabbiliti għall-Istati Membri tal-UE, l-evalwazzjoni kkonkludiet li dawn għenu sabiex tiġi kondiviża l-metodoloġija tal-Unjoni għall-varar tal-infrastruttura tat-trasport u għall-promozzjoni tal-istandards tekniċi tal-Unjoni, l-aspetti regolatorji u l-aħjar prattiki f'termini ta' finanzjament. Barra minn hekk, dawn taw orjentazzjoni lill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, lis-sorsi rilevanti tal-UE ta' finanzjament u lill-investituri nazzjonali u privati dwar fuq xiex għandhom jiffokaw il-finanzjament u l-attivitàjiet tagħhom f'dawn ir-reġjuni. Dawn l-aspetti kollha se jsiru saħansitra aktar kruċjali sabiex jgħinu fil-proċess ta' rkupru u ta' rikostruzzjoni tal-Ukrajna u l-pajjiżi ġar affettwat tagħha, ir-Repubblika tal-Moldova.

Barra minn hekk, l-evalwazzjoni kkonkludiet li l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar il-politika tat-TEN-T kienet xierqa wkoll peress li tippromwovi standards ambjentali u soċjali Ewropej għoljin kif ukoll sostenibbiltà finanzjarja tul il-kurituri tal-art. L-attivitàjiet komuni

ta' ppjanar tan-network mal-pajjiżi ġirien, li jwasslu għal estensjonijiet indikattivi tat-TEN-T huma xierqa fis-sens li jistabbilixxu qafas stabbli għall-investiment ikkonċentrat fl-infrastruttura tat-trasport appoġġat mis-sorsi tal-UE u mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali globali. L-evalwazzjoni ddikjarat ukoll li l-iżviluppi internazzjonali (bħall-progress fin-negozjati tal-adeżjoni u l-iffirmar tat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport għar-reġjun tal-Balkani tal-Punent) jissuġġerixxu li dan l-approċċ għadu rilevanti għall-perjodi tal-2030/2050 u jista' jkompli jiġi estiż. Dan huwa saħansitra aktar validu minħabba l-kuntest ġeopolitiku l-ġdid. Għalhekk, estensjoni tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport għall-Ukrajna u għar-Repubblika tal-Moldova kif inklużi f'din il-proposta emendata tista' tkun għodda siewja ħafna sabiex tgħin lil dawk il-pajjiżi fil-proċess ta' rkupru u ta' rikostruzzjoni tagħhom.

• **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fid-29 ta' Ġunju 2022, saret laqgħa interistituzzjonali li tinvolvi mhux biss lis-27 Stat Membru kollha tal-UE iżda wkoll rappreżentanti ta' livell għoli tal-Ukrajna, tar-Repubblika tal-Moldova u tal-Georgia. Din indirizzat il-kwistjoni ta' x'inhi r-realtà ġeopolitika l-ġdida bil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna għall-politika tat-TEN-T speċifikament, u l-politika tat-trasport tal-Unjoni b'mod aktar wiesa', u kif it-TEN-T għandu u jista' jadatta għal dan il-kuntest ġeopolitiku ġdid. Din id-diskussjoni tat-kontribut importanti għall-proposta emendata attwali.

Barra minn hekk, intużaw laqgħat bilaterali ma' kull wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE, taħt il-presidenza tal-Presidenza Franċiża u dik Ċeka, li saru fit-8 u fl-10 ta' Ġunju 2022, sabiex jiġu diskussi l-bidliet proposti għal din il-proposta emendata, b'mod partikolari, il-migrazzjoni ta' linji b'gauge tal-binarji differenti mill-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm u t-tnaqqis tal-konnessjonijiet tal-aħħar mil tat-taqsimiet tat-triq u dawk ferrovjarji tan-network ewlieni lejn ir-Russja u l-Belarużja.

Fl-aħħar nett, fuq is-sit web tagħha, il-Kummissjoni ppubblikat Sejħa għal evidenza li tiddekrivi l-problemi li għandhom jiġu indirizzati, l-oġettivi li għandhom jintlaħqu u l-abbozz ta' miżuri ta' politika. Is-Sejħa għal evidenza kienet miftuħa għal rispons mis-6 ta' Lulju 2022 sal-20 ta' Lulju 2022. Ġew irreġistrati tnejn u għoxrin tweġiba, li kollha jappoġġaw il-miżuri proposti. Il-kummenti ewlenin kienu dawn li ġejjin:

- Il-miżuri proposti se jikkontribwixxu għat-titjib tal-konnessjonijiet ferrovjarji mal-Ukrajna u mal-Moldova permezz tal-estensjoni tal-kurituri Ewropej tat-trasport. Dawn se jtejbu l-konnettività tal-Ukrajna u tal-Moldova mal-UE b'mod partikolari għat-trasport tal-merkanzija, u b'hekk jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti.
- L-estensjoni tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport għall-Ukrajna u għall-Moldova se tirrikjedi li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tekniċi, regolatorji u amministrattivi.
- Ħafna konnessjonijiet ferrovjarji fl-Ukrajna u bejn l-Ukrajna u l-UE se jirrikjedu investimenti sostanzjali. Hija meħtieġa wkoll il-kostruzzjoni tat-terminals u tal-faċilitajiet tat-trażbord.
- Meta timplimenta l-kurituri estiżi, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni xierqa lit-titjib tal-konnessjonijiet tat-toroq (awtostradi) bejn ir-Rumanija, il-Moldova u l-Ukrajna.
- Ix-xmara Danubju għandha potenzjal għoli għall-esportazzjonijiet u għall-importazzjonijiet ta' merkanzija bejn l-Ukrajna u l-UE.

- L-iżvilupp ta' konnessjonijiet bejn l-Ukrajna u l-Moldova u l-modernizzazzjoni u r-rikostruzzjoni tal-infrastruttura tat-trasport se jeħtieġu investimenti sostanzjali ħafna. Dan ikun jeħtieġ żieda fil-baġit tal-UE ddedikat għat-twettiq tan-network tat-TEN-T.
- Il-varar ta' linji tal-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropej bejn l-Ukrajna/il-Moldova u l-UE kif ukoll fl-UE huwa essenzjali sabiex tittiejjeb l-interoperabbiltà ferrovjarja. Dan se jżid l-effiċjenza tal-ferroviji, b'mod partikolari billi jnaqqas il-ħin ta' stennija fil-punti ta' qsim tal-fruntiera. Madankollu, l-impatt ta' tali varar jeħtieġ li jiġi vvalutat bir-reqqa, b'mod partikolari l-impatt f'termini ta' finanzjament u fuq l-interoperabbiltà man-network li jkun mgħammar b'gauge tal-binarji differenti.

Tweġiba waħda għas-Sejħa għal evidenza qiegħda tqajjem tħassib relatat mal-inklużjoni tax-xmara Dnipro fin-network TEN-T. Ta' min jinnota li l-inklużjoni tax-xmara Dnipro fin-network tat-TEN-T kienet is-suġġett ta' proċedura separata u ġiet adottata minn att delegat tal-Kummissjoni fl-14 ta' Lulju 2022. Il-proposta attwali sempliċiment tirriproduċi l-mapep tat-TEN-T inklużi fl-att delegat imsemmi hawn fuq.

• **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Għal din il-proposta emendata, il-Kummissjoni bbażat l-aktar fuq il-konklużjonijiet tas-sessjoni interistituzzjonali tal-Istati Membri tal-UE, bil-parteċipazzjoni tal-Ukrajna, tar-Repubblika tal-Moldova u tal-Georgia, kif ukoll fuq l-iskambji bilaterali ma' kull Stat Membru.

• **Valutazzjoni tal-impatt**

Valutazzjoni tal-impatt ġdida lil hinn minn dik li tinfed il-proposta leġislattiva inizjali tal-14 ta' Diċembru 2021⁸ ma titqiesx bħala waħda meħtieġa minħabba li l-oġġettivi ewlenin u l-għażliet ippreferuti ma nbidlux, u minħabba li l-impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali tat-test propost ma għandhomx ivarjaw b'mod sinifikanti mill-impatti li kienu mistennija li jirriżultaw mit-termini tal-proposta inizjali Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-impatt tal-proposta inizjali qieset il-flussi tat-trasport minn pajjiżi terzi, iżda biss b'mod stilizzat, u ma qisix l-allinjamenti eżatti tan-networks indikattivi tal-pajjiżi terzi ġirien. Peress li din il-proposta timmodifika l-aktar il-mapep tal-pajjiżi terzi ġirien u l-konnessjonijiet limitati tal-aħħar mil lejn dawn il-pajjiżi fit-territorju tal-Unjoni, ma għandux ikollha impatt fuq ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt inizjali.

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet il-ġodda sabiex titrawwem il-migrazzjoni għall-gauge tal-binarji ferrovjarji nominali Ewropew, din il-proposta tillimita lilha nnifisha għal modifika limitata tar-rekwiżit skont il-proposta leġislattiva attwali, li tagħmel dispożizzjoni għal linji ferrovjarji ġodda fuq it-TEN-T (jiġifieri dawk li għad iridu jinbnew meta jidħol fis-seħħ ir-Regolament), għall-migrazzjoni tal-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm. Il-proposta leġislattiva ta' Diċembru 2021 teżenta l-linji ferrovjarji ġodda minn din id-dispożizzjoni li huma "estensjoni fuq network li l-gauge tal-binarji tiegħu huwa differenti u distakkat mil-linji ferrovjarji ewlenin fl-Unjoni". Dan ir-rekwiżit ma huwiex ċar ħafna u l-proposta attwali għandha l-għan li tintpretah b'mod aktar ċar, u fuq kollox tiżgura li l-hekk imsejħa "networks iżolati", jiġifieri networks ta' gauge differenti mill-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm, ma jiġux eżentati awtomatikament minn dan ir-rekwiżit.

Fi kwalunkwe każ, dan ir-rekwiżit formali jqis biss linji ferrovjarji ġodda. Il-kostijiet tal-bini ta' linja ferrovjarja ġdida bil-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435

⁸ SWD(2021) 472 final

mm ma jvarjawx fil-prinċipju minn daww b'gauge tal-binarij differenti. Għalhekk, ma għandu jkun hemm l-ebda differenza kbira fl-impatti ekonomiċi ta' din il-miżura meta mqabbla mal-valutazzjoni tal-impatt inizjali.

Illum, diversi Stati Membri għandhom network ferrovjarju b'gauges tal-binarij differenti. L-aħħar teknoloġija tippermetti t-tħaddim fuq gauges tal-binarij differenti b'ferroviji ta' gauges varjabbli. Teknoloġija oħra għall-ġestjoni ta' gauges tal-binarij differenti fuq network hija l-hekk imsejħa tielet binariju fuq il-binarij tal-infrastruttura, li tippermetti li tipi differenti ta' ferroviji jiċċirkolaw fuq l-infrastruttura. Pereżempju, Spanja kienet qiegħda tiżviluppa network ta' veloċità għolja bil-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew, network konvenzjonali bil-gauge Iberiku u gauge metriku f'xi nodi urbani. Filwaqt li dan jinvolvi kost addizzjonali, għalhekk teżisti t-teknoloġija sabiex jiġi żgurat li l-migrazzjoni progressiva tal-linji ferrovjarji għall-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ikollha effett limitat fuq is-sistema ferrovjarja u għandha tfixxkel it-traffiku ferrovjarju. L-esperjenza fi Spanja turi wkoll li ladarba jkun involut il-proċess għall-migrazzjoni ta' xi linji mal-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew, dan jiskatta l-migrazzjoni fuq partijiet oħrajn tan-network. Għalhekk, il-bidu tal-migrazzjoni fuq il-linji ferrovjarji ewlenin tan-network TEN-T se jgħallq dinamika pożittiva.

Min-naħa l-oħra, din il-proposta emendata tinkludi dispożizzjoni li tistieden lill-Istati Membri b'network ferrovjarju li huwa differenti mill-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm sabiex jistabbilixxu pjan ta' migrazzjoni għall-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew għall-linji eżistenti tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport. Dan il-pjan ta' migrazzjoni se jinkludi analiżi soċjoekonomika tal-ispejjeż u l-benefiċċji. Għalhekk, l-impatti ekonomiċi u soċjali jiġu analizzati bħala parti minn dan il-pjan ta' migrazzjoni. Jekk tali analiżi tirriżulta f'analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji negattiva, l-Istati Membri jistgħu jżommu lura milli jemigraw ċerti taqsimiet tan-network tagħhom għall-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew.

B'mod ġenerali, il-migrazzjoni għall-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew hija mistennija li jkollha effetti u impatti pożittivi. Fuq kollox, għandha l-għan li ttejjeb l-interoperabbiltà tat-trasport ferrovjarju madwar l-Unjoni u mal-pajjiżi terzi ġirien. Pereżempju, il-ħtieġa li jiġu esportati prodotti agrikoli mill-Ukrajna lejn portijiet Ewropej wara l-imblukkar Russu tal-portijiet tal-Baħar l-Iswed tal-Ukrajna wriet ukoll l-impatti ekonomiċi negattivi tal-gauge tal-binarij mhux armonizzat fl-Unjoni. Sabiex jaslu fil-port ta' Klaipėda fil-Litwanja, il-ħbub ittrasportati fuq il-ferroviji tal-Ukrajna jridu jiġu trażbordati fil-fruntiera bejn il-Polonja u l-Ukrajna (fuq ferroviji b'gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm), u mbaġħad iridu jiġu trażbordati għal darba oħra fil-fruntiera bejn il-Polonja u l-Litwanja (fuq ferroviji b'gauge tal-binarij ta' 1 520). Dan iwassal għal żieda fil-kostijiet tat-trasport u għal telf ta' ħin u bħala tali huwa eżempju konkret haflna tal-konsegwenzi tan-nuqqas ta' interoperabbiltà fuq is-sistema ferrovjarja tal-UE minħabba l-gauges tal-binarij differenti. Dan in-nuqqas ta' interoperabbiltà jfixxkel ukoll serjament il-komplementarjetà bejn il-modalitajiet tat-trasport, b'mod partikolari f'każ ta' kriżi, bħall-imblukkar tal-portijiet Ukreni li l-konsegwenzi ta' dan qiegħed ipoġġi f'riskju s-sigurtà alimentari globali. Barra minn hekk, il-kostijiet ambjentali tal-eluf ta' trakkijiet li qegħdin jaqsmu l-fruntiera bejn Franza u l-Peniżola Iberika, jew bejn il-Polonja u l-pajjiżi Baltiċi, jew aktar reċentement bejn l-Ukrajna u l-Polonja huma parzjalment dovuti għan-nuqqas ta' interoperabbiltà tan-network ferrovjarju.

Minbarra kwistjonijiet ta' interoperabbiltà, il-Qorti tal-Awdituri (QEA) esprimiet tħassib dwar in-nuqqas ta' kompetizzjoni tan-networks ferrovjarji nazzjonali rispettivi minħabba d-differenzi fil-gauges tal-binarij. Pereżempju, rapport tal-QEA dwar it-trasport tal-merkanzija

bil-ferrovija ppubblikat fl-2016⁹ iddikjara li n-nuqqas ta' gauge tal-binarji standard fl-UE ma huwiex biss restrizzjoni teknika għall-operazzjonijiet tal-ferrovija li xxekkel l-interoperabbiltà. Fil-fatt, il-koeżistenza ta' gauges tal-binarji ferrovjarji differenti fi ħdan pajjiż wieħed jew fi ħdan l-Unjoni xxekkel ukoll id-dinamika tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi tas-suq. Id-dħul ta' operaturi ġodda jista' jiġi mfixxkel bil-limitazzjoni tal-interoperabbiltà tal-vetturi ferrovjarji u d-daqs tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jintlaħqu b'suq miftuħ. Barra minn hekk, din taggrava l-inċidenza ta' ostakli oħrajn għad-dħul fis-suq, tnaqqas il-provvista disponibbli tal-manifatturi tal-vetturi ferrovjarji u żżid il-kostijiet tal-manutenzjoni.

L-użu ta' gauge tal-binarji differenti mill-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew jimpedixxi l-aċċess għall-opzjoni tal-kiri ta' vetturi ferrovjarji Ewropej għat-tħaddim ta' linji konvenzjonali. Dan ifisser li l-parteċipanti l-ġodda jridu jikkompetu fuq linji oħrajn tal-binarji billi jixtru vetturi ferrovjarji xierqa. Peress li s-suq għall-produzzjoni ta' dan il-materjal huwa nazzjonali, dan jista' potenzjalment jissarraff fi prezzijiet ogħla minħabba nuqqas ta' kompetizzjoni internazzjonali fil-produzzjoni tiegħu.

Għalhekk, l-użu tal-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew se jikkontribwixxi għat-titjib tal-funzjonament tas-suq intern. Il-ftuħ tas-suq, flimkien mal-iżvilupp ta' network ferrovjarju standard ta' kwalità għolja (ERTMS, tul tal-ferrovija ta' 740 m, elettrifikazzjoni, eċċ.) li huwa kompletament interoperabbli, se jikkontribwixxi sabiex tiżdied l-attività tat-trasport ferrovjarju billi jitnaqqsu l-kostijiet tal-infrastruttura u l-kost tal-vetturi ferrovjarji. Se jiffaċilita wkoll il-ħolqien fis-suq ta' parteċipanti ġodda, b'suq għall-vetturi ferrovjarji li jkun interoperabbli fin-network kollu.

Fl-aħħar nett, il-pjan tal-migrazzjoni għandu l-għan li jiżgura tranżizzjoni bla xkiel. Hemm disponibbli teknoloġiji sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda interruzzjoni fin-network, bejn il-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew u n-networks nazzjonali eżistenti. Madankollu, dawn it-teknoloġiji għandhom jitqiesu bħala tranżizzjoni peress li l-oġettiv fit-tul huwa li jinholq network Ewropew unifikat. Sistema ibrida fit-tul tipperpetwa s-sitwazzjoni attwali li toħloq, minbarra kwistjonijiet ta' interoperabbiltà, piż għall-ħolqien ta' atturi ġodda fis-suq li ma għandhom l-ebda għażla oħra ħlief li jixtru vetturi ferrovjarji speċifiċi għal-linji tal-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard mhux Ewropej.

Fi ftit kliem, il-kostijiet addizzjonali li jirriżultaw min-nuqqas ta' interoperabbiltà jfissru li t-traffiku bil-ferrovija ma huwiex kompetittiv. F'sitwazzjoni ta' kriżi, il-kapaċità li modalità waħda tat-trasport tiġi sostitwita b'oħra ma hijiex żgurata, u b'hekk jiġi pperikolat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

L-inizjattiva tal-proposta oriġinali kienet parti mill-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2021 taħt l-Anness I (inizjattivi ġodda) u ma hijiex parti mill-Anness II (inizjattivi REFIT).

Il-proposta emendata tkompli ttejjeb il-funzjonament tal-politika ferrovjarja tat-TEN-T billi tindirizza l-kwistjoni tal-interoperabbiltà ta' gauges tal-binarji differenti fuq in-network tat-TEN-T.

- **Drittijiet fundamentali**

Billi tistabbilixxi rekwiżit uniformi għall-gauges tal-binarji ferrovjarji fin-network tat-TEN-T, il-proposta emendata se tkompli ssaħħa l-aċċessibbiltà għall-utenti kollha għan-network ferrovjarju tat-TEN-T.

⁹ Il-Qorti tal-Awdituri (2016): Ir-rapport speċjali Nru 08/2016: It-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fl-UE: għadu mhux fit-triq it-tajba.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta emendata ma għandha l-ebda implikazzjoni oħra fuq il-baġit tal-Unjoni meta mqabbla ma' dawk diġà indikati fil-proposta leġislattiva oriġinali tal-14 ta' Diċembru 2021.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Kif deskritt fil-proposta inizjali ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni se timmonitorja wkoll il-progress, l-impatti u r-risultati ta' din l-inizjattiva permezz ta' sett ta' strumenti ta' governanza bbażati fuq il-governanza tat-TEN-T, bħar-rwol imsaħħaħ tal-Koordinaturi Ewropej u l-pjanijiet ta' ħidma tagħhom.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-bidliet (1) sa (5) iqisu l-inklużjoni ta' premessi ġodda li għandhom jindirizzaw id-dimensjoni ġeopolitika u l-kuntest il-ġdid li t-TEN-T se jkollu jindirizza u jiffaċċja.

Il-bidliet (6) sa (9) qegħdin jiġu introdotti sabiex issir enfasi aktar qawwija fuq il-ħtieġa li ssir migrazzjoni għall-gauge tal-binarji ferrovjarji nominali standard Ewropew, b'mod partikolari fir-rigward tal-linji ferrovjarji ġodda kollha li għad iridu jinbnew mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, iżda wkoll fir-rigward ta' pjan ta' migrazzjoni sod għat-taqsimiet ferrovjarji eżistenti fuq il-Kurituri Ewropej tat-Trasport.

Il-bidla (10) tqis is-sitwazzjoni partikolari tal-Irlanda, li minħabba s-sitwazzjoni insulari tagħha, hija distakkata minn kwalunkwe sistema ferrovjarja Ewropea u bħala tali għandha tiġi eżentata mir-rekwiżiti tal-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm.

Il-bidliet (11) sa (14) jinkludu l-bidliet kollha fir-rigward tal-mapep annessi mar-Regolament TEN-T, b'mod partikolari t-tneħħija tal-mapep tal-Belarusja u tar-Russja, l-inklużjoni tal-mapep indikattivi l-ġodda adottati għall-Ukrajna, it-tnaqqis fil-grad tal-aħħar mili tat-taqsimiet transfruntiera kollha tal-ferroviji u tat-toroq lejn ir-Russja u l-Belarusja minn network ewlieni għal komprensiv u l-estensjoni tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport lejn l-Ukrajna u r-Repubblika tal-Moldova.

- **Bidliet meta mqabbla mal-proposta leġislattiva oriġinali (COM(2021) 812 final)**

Il-bidliet li saru f'din il-proposta emendata, meta mqabbla ma' dik tal-14 ta' Diċembru 2021 (COM(2021) 812 final), huma dawn li ġejjin:

PREMESSI

- (1) Tiddaħħal il-premessa 39 ġdida li ġejja:

“(39) Ir-reżiljenza tan-network Ewropew tat-trasport ġiet sfidata u ttestjata mill-impatt devastanti tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dik l-aggressjoni ddefiniet mill-ġdid ix-xenarju ġeopolitiku, u wriet il-vulnerabbiltà tal-Unjoni għal avvenimenti ta' ffixkil mhux previsti lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni. L-impatti ewlenin tagħha fuq is-swieq globali, bħas-sigurtà alimentari globali, enfasizzaw il-fatt li s-sug intern tal-Unjoni u n-network tat-trasport tagħha ma jistgħux jitqiesu waħedhom fir-rigward tat-tfassil tal-politika tal-Unjoni.

Konnessjonijiet aħjar mal-pajjiżi sħab ġirien tal-Unjoni huma meħtieġa aktar minn qatt qabel.”

- (2) Tiddaħħal il-premessa 40 ġdida li ġejja:

“(40) Minħabba dak il-kuntest ġeopolitiku ġdid, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta’ Mejju 2022 dwar il-“Korsiji ta’ Solidarjetà”¹⁰ tidentifika diversi sfidi ewlenin tal-infrastruttura tat-trasport li l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien tagħha jeħtieġ li jsolvu sabiex jappoġġaw l-ekonomija u l-irkupru tal-Ukrajna, sabiex il-merkanzija agrikola u merkanzija oħra tkun tista’ tilħaq is-swieq tal-Unjoni u dawk dinjin, u jiġi żgurat li l-konnettività mal-Unjoni tissaħħaħ ħafna kemm għall-esportazzjonijiet kif ukoll għall-importazzjonijiet. Sabiex tiġi offruta konnettività akbar mal-Unjoni, dik il-Komunikazzjoni pproponiet li tiġi vvalutata l-estensjoni tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport fl-Ukrajna u fir-Repubblika tal-Moldova”.

- (3) Tiddaħħal il-premessa 41 ġdida li ġejja:

“(41) Minħabba l-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u l-pożizzjoni adottata mill-Belarussja f’dak il-kunflitt, il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u r-Russja u l-Belarussja fil-qasam tal-politika tat-TEN-T la hija xierqa u lanqas fl-interess tal-Unjoni. Għalhekk, in-network tat-TEN-T f’dawk iż-żewġ pajjiżi terzi għandu jitwaqqaf. B’konsegwenza ta’ dan, konnessjonijiet transfruntiera mtejbja għar-Russja u għall-Belarussja ma għadhomx ta’ prijorità għolja fit-territorju tal-Istati Membri. Bħalissa jeżistu konnessjonijiet bejn il-Finlandja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja ma’ dawk iż-żewġ pajjiżi terzi. Sabiex tiġi riflessa l-prijorità anqas fil-bini u fl-aġġornament ta’ dawk il-konnessjonijiet, l-aħħar mili tal-konnessjonijiet transfruntiera kollha mar-Russja u mal-Belarussja li bħalissa huma inklużi fin-network ewlieni għandhom jiġu mnaqqsa min-network ewlieni għal dak komprensiv li għalih hija prevista biss skadenza tal-implimentazzjoni aktar tard tal-2050. Madankollu, f’każ ta’ tranżizzjoni demokratika fil-Belarussja, il-bini u l-aġġornament ta’ konnessjonijiet transfruntiera tal-pajjiż mal-UE f’konformità mal-pjan ekonomiku komprensiv għal Belarussja demokratika jkun ta’ prijorità għolja, inkluż permezz tal-inklużjoni mill-ġdid tal-pajjiż lura fir-Regolament.”

- (4) Tiddaħħal il-premessa 42 ġdida li ġejja:

“(42) Il-kuntest ġeopolitiku l-ġdid wera wkoll kemm il-konnessjonijiet tat-trasport bla xkiel importanti jinsabu fit-territorju tal-Unjoni u ma’ pajjiżi terzi ġirien. gauge tal-binarji ferrovjarji differenti mill-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta’ 1 435 mm ifixkel b’mod sever l-interoperabbiltà tan-networks ferrovjarji madwar l-Unjoni u saħansitra għandu impatt fuq il-kompetittività ta’ dawk in-networks ferrovjarji iżolati. Għalhekk, linji ferrovjarji ġodda għandhom jinbnew biss bil-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta’ 1 435 mm. Barra minn hekk, l-Istati Membri b’network b’gauge tal-binarji differenti għandhom jivvalutaw il-migrazzjoni tal-linji eżistenti tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport. Dan l-obbligu ma għandux japplika għall-Irlanda peress li n-network tat-trasport tagħha, minħabba s-sitwazzjoni insulari tagħha, huwa kompletament distakkat minn kwalunkwe konnessjoni fuq l-art fit-territorju tal-Unjoni.”

- (5) Il-premessa 39 u l-premessi kollha li ġejjin huma nnumerati mill-ġdid bħala l-premessa 43 u n-numri sussegwenti;

¹⁰ COM(2022) 217 final

KAPITOLU III: DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

Taqsim 1: Infrastruttura tat-trasport ferrovjarju

- (6) fl-Artikolu 15 (Ir-rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport għan-network komprensiv), qegħdin jiġu introdotti l-bidliet li ġejjin:
- (a) fil-paragrafu 2, il-punt (b) jitħassar.
 - (b) fil-paragrafu 2, il-punti (c), (d) u (e) huma nnumerati mill-ġdid bħala l-punti (b), (c) u (d).
 - (c) fil-paragrafu 3, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
“in-networks iżolati huma eżentati mir-rekwiżiti taħt il-paragrafu 2, il-punti (a) sa (d)”;
- (7) fl-Artikolu 16 (Ir-rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport għan-network ewlieni u għan-network ewlieni estiż), qegħdin jiġu introdotti l-bidliet li ġejjin:
- (a) fil-paragrafu 2, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
“tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15(2), il-punti (a) sa (d), u ta' veloċità minima prevalenti tal-linja operattiva ta' 100 km/h għall-ferroviji tal-merkanzija fuq il-linji tal-merkanzija tan-network ewlieni estiż”;
 - (b) fil-paragrafu 2, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
“tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15(2), il-punti (a), fuq il-linji tal-passiġġieri tan-network ewlieni estiż”;
 - (c) fil-paragrafu 3, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
“tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15(2), il-punti (a), (b) u (c), u ta' veloċità minima prevalenti tal-linja operattiva ta' 100 km/h għall-ferroviji tal-merkanzija fuq il-linji tal-merkanzija tan-network ewlieni”;
 - (d) fil-paragrafu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
“tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15(2), il-punt (a), fuq il-linji tal-passiġġieri tan-network ewlieni”;
 - (e) fil-paragrafu 4, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
“tissodisfa r-rekwiżit tal-Artikolu 15(2), il-punt (d), fuq il-linji tal-merkanzija tan-network ewlieni”;
 - (f) fil-paragrafu 4, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
“tissodisfa r-rekwiżit tal-paragrafu 2, il-punt (b) fuq il-linji tal-passiġġieri tan-network ewlieni.”;
- (8) jiddaħħal l-Artikolu 16a li ġej:
- “Artikolu 16a*
- gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew għall-ferroviji***
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe infrastruttura ferrovjarja ġdida tan-network komprensiv, tan-network estiż u tan-network ewlieni, inkluż il-konnessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(1), il-punt (d), tipprevedi l-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm. Dak ir-rekwiżit jitqies li ġie ssodisfat meta l-ferroviji b'gauge tal-linji ferrovjarji ta' 1 435 mm ikunu jistgħu jiċċirkolaw fuq l-infrastruttura. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, infrastruttura

ferrovjarja ġdida tfisser kwalunkwe infrastruttura li għaliha x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ma jkunux bdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri b'network ferrovjarju, jew parti minnu, li jkollu gauge tal-binarji differenti minn dak tal-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm għandhom ifasslu, mhux aktar tard minn sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, pjan ta' migrazzjoni tal-linji ferrovjarji eżistenti li jinsabu fil-Kurituri Ewropej tat-Trasport għall-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm. Tali pjan ta' migrazzjoni għandu jiġi kkoordinat mal-Istat(i) Membru/i ġar/ġirien (i)kkonċernat(i) mill-migrazzjoni.
3. Fil-pjan ta' migrazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jidentifikaw il-linji ferrovjarji li mhux se jemigraw għall-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm. Il-pjan ta' migrazzjoni għandu jinkludi analiżi soċjoekonomika tal-ispejjeż u l-benefiċċji li tiġġustifika d-deċiżjoni li l-linji ferrovjarji ma jemigrawx għall-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm u valutazzjoni tal-impatt fuq l-interoperabbiltà.
4. Il-prijoritajiet għall-ippjanar tal-infrastruttura u tal-investment relatati mal-pjan ta' migrazzjoni għandhom jiġu inklużi fl-ewwel pjan ta' ħidma tal-Koordinatur Ewropew għal Kuritur Ewropew tat-Trasport li l-linji ferrovjarji tal-merkanzija b'gauge tal-binarji differenti minn dak tal-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ikunu parti minnu, f'konformità mal-Artikolu 53.”;
- (9) fl-Artikolu 19 (Prijoritajiet addizzjonali għall-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja), qegħdin jiġu introdotti l-bidliet li ġejjin:
 - (a) jiżdied il-punt (a) li ġej:

“(a) *il-migrazzjoni għall-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew (1 435 mm)*”;
 - (b) il-punti (a) sa (g) jiġu nnumerati mill-ġdid għall-punti (b) sa (h).;

KAPITOLU VI: DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

- (10) fl-Artikolu 63 (Eżenzjonijiet), jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

“*Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16a ma għandhomx japplikaw għall-Irlanda.*”;

ANNEX I

- (11) il-mapep murija fl-ANNEX I – IL-PARTI 1/23, IL-PARTI 2/23, IL-PARTI 3/23, IL-PARTI 4/23, IL-PARTI 5/23, IL-PARTI 14/23, u L-PARTI 15/23 ta' COM(2021) 812 final huma sostitwiti bil-partijiet fl-ANNEX I, il-partijiet 1 sa 6, ta' din il-proposta emendata kif ġej:
 - (a) *L-ANNEX I – IL-PARTI 1/23 hija sostitwita bl-ANNEX I – IL-PARTI 1/6;*
 - (b) *L-ANNEX I – IL-PARTI 2/23 hija sostitwita bl-ANNEX I – IL-PARTI 1/6;*
 - (c) *L-ANNEX I – IL-PARTI 3/23 hija sostitwita bl-ANNEX I – IL-PARTI 2/6;*
 - (d) *L-ANNEX I – IL-PARTI 4/23 hija sostitwita bl-ANNEX I – IL-PARTI 3/6;*
 - (e) *L-ANNEX I – IL-PARTI 5/23 hija sostitwita bl-ANNEX I – IL-PARTI 4/6;*
 - (f) *L-ANNEX I – IL-PARTI 14/23 hija sostitwita bl-ANNEX I – IL-PARTI 5/6;*

(g) L-ANNESS I – IL-PARTI 15/23 hija sostitwita bl-ANNESS I – IL-PARTI 6/6.;

ANNESS III

- (12) il-mapep murija fl-ANNESS III – IL-PARTI 1/14, IL-PARTI 4/14, IL-PARTI 5/14, IL-PARTI 6/14, IL-PARTI 7/14, IL-PARTI 8/14, IL-PARTI 9/14, IL-PARTI 10/14, IL-PARTI 13/14 u L-PARTI 14/14 ta' COM(2021) 812 final huma sostitwiti bil-mapep fl-ANNESS II, il-partijiet 1 sa 8 ta' din il-proposta emendata, kif ġej:
- (a) L-ANNESS III – IL-PARTI 1/14 hija sostitwita bl-ANNESS II – IL-PARTI 1/8;*
 - (b) L-ANNESS III – IL-PARTI 4/14, it-tieni mappa hija sostitwita bit-tieni mappa, L-ANNESS II – IL-PARTI 1/8;*
 - (c) L-ANNESS III – IL-PARTI 5/14, hija sostitwita bl-ANNESS II – IL-PARTI 2/8;*
 - (d) L-ANNESS III – IL-PARTI 6/14 hija sostitwita bl-ANNESS II – IL-PARTI 3/8;*
 - (e) L-ANNESS III – IL-PARTI 7/14 hija sostitwita bl-ANNESS II – IL-PARTI 4/8;*
 - (f) L-ANNESS III – IL-PARTI 8/14 hija sostitwita bl-ANNESS II – IL-PARTI 5/8;*
 - (g) L-ANNESS III – IL-PARTI 9/14 hija sostitwita bl-ANNESS II – IL-PARTI 6/8;*
 - (h) fl-ANNESS III – IL-PARTI 10/14, l-ewwel mappa hija sostitwita bl-ewwel mappa tal-ANNESS II – IL-PARTI 7/8;*
 - (i) fl-ANNESS III – IL-PARTI 13/14, it-tieni mappa hija sostitwita bit-tieni mappa tal-ANNESS II – IL-PARTI 7/8;*
 - (j) L-ANNESS III – IL-PARTI 14/14 hija sostitwita bl-ANNESS II – IL-PARTI 8/8.;*

ANNESS IV

- (13) il-mapep tal-ANNESS IV – IL-PARTI 1/12 u l-PARTI 8/12 ta' COM(2021) 812 final huma sostitwiti bil-mapep fl-ANNESS III, il-partijiet 1 u 2, ta' din il-proposta emendata.
- (14) il-mapep tal-ANNESS IV – IL-PARTI 12/12 ta' COM(2021) 812 final huma mħassra.